Qabel ma t-taraġ u l-bankini tal-madwar bdew jinksew b'ċangatura tal-qawwi li nġiebet minn Għawdex, inbidlu s-servizzi tal-ilma u katusi tad-drenaġġ, ġew imtejba s-sistemi għall-ilqugħ tal-ilma tax-xita fl-istess żona u anke ġew mgħoddijin pajpijiet f'każ li 'l quddiem jiżdied id-dawl dekorattiv u d-dawl tat-triq. Il-pajpijiet li qed issir

referenza għalihom huma installazzjoni temporanja sakemm ikunu lesti mwieżeb tal-ġebel li jaqblu mal-ambjent tal-inħawi, bi qbil mas-Sovrintendenza tal-Wirt Kulturali, u li se jitwaħħlu fil-ġimgħat li ġejjin. Il-proġett, li hu stmat li se jiswa madwar €500,000, għandu jkun lest fil-bidu tax-xahar id-dieħel.

Seduta 18
15/06/2022

**IMDINA – RIĠENERAZZJONI TAT-TARAĠ TAS-SAQQAJJA**

**1317. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jikkonferma jekk hux ser jiġu mgħottija katusi li saru biex jinżel l-ilma tax-xita minnhom, fir-riġenerazzjoni tat-taraġ fis-Saqqajja l-Imdina?

02/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jindirizza l-mistoqsija lill-Ministeru konċernat.

Seduta 18
15/06/2022

**RABAT - TRIQ IT-TAGĦBIJA – HAND RAILING FIT-TARAĠ**

**1318. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jindika jekk hux ser isir 'hand railing' fit-taraġ li sar bħala parti mill-proġett ta' Triq it-Tagħbija fir-Rabat?

02/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Dan il-proġett kien jinkludi l-bini mill-ġdid tar-rotta ta' Triq Għeriexem u Triq tat-Tabija fuq pedamenti aktar b'saħħithom, biex rażżan snin twal ta' ħsarat ikkawżati miċ-ċediment tal-art taħt l-istess toroq, kif ukoll belvedere ġdid b'bankini u punti ta' qsim aktar siguri f'żona li qabel ma kien fiha l-ebda infrastruttura għal dawk li jgħaddu minnha bil-mixi. Din ir-rotta issa fiha wkoll aktar spazji għall-parkeġġ, stazzjon għall-iċċarġjar tal-karozzi elettriċi, l-ewwel mogħdijiet solari f'Malta, dawl dekorattiv, bankijiet u ringiela konok b'40 siġra ġdida u pjanti oħrajn.

Ix-xogħlijiet ta' Infrastructure Malta f'dawn it-toroq ma kinux jinkludu bini mill-ġdid ta' turġien f'din ir-rotta. Fi Triq tat-Tabija, li tibda minn kantuniera ma' Vjal il-Ħaddiem sa kantuniera ma' Triq Santa Rita, m'hemm l-ebda turġien. Jekk l-Onor. Interpellant qed jirreferi għat-turġien li hemm fi Triq Doni, allura din il-mistoqsija għandha tiġi riferuta lill-Ministeru responsabbli mix-xogħlijiet f'din it-triq bħala parti minn ħidmiet separati mill-proġett tal-Għeriexem.

Seduta 18
15/06/2022

**RABAT – TAL-VIRTÙ – COMMUNITY POLICING**

**1319. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid jekk hux qed isir 'patroling' mill-community police fl-inħawi tal-Virtù r-Rabat Malta u jekk hemmx xi 'data' li tindika dan? Jikkonferma li jsir infurzar fuq oġġetti/makkinarju/inġenji li m'għandhomx liċenzji li joqogħdu fit-triq?

02/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi fir-Rabat li tinkludi iż-żona tal-Virtù, il-Pulizija tal-Komunità ilha topera minn Awwissu 2020. Ir-rondi jsiru fi kwalunkwe żona ta' lokalità koperta minnhom. Madankollu minħabba l-moviment kontinwu ma jinżammux dettalji speċifiċi tal-lokalitajiet li jiġu koperti.

Rondi oħra regolari jsiru mit-taqsima tal-RIU. Isiru wkoll mill-Pulizija tad-distrett, skont id-disponibilità tagħhom. Dwar vetturi u oġġetti oħra abbandunati fit-toroq, li jeħtiġilhom, imma ma jkunux koperti b'liċenzji, tittieħed azzjoni meta dawn jintlemħu, kif isir għal kull ksur tal-liġi. Fil-fatt ftit tal-ġranet ilu nstab tali oġġett fiż-żona u diġà nbdew il-proċeduri legali stabbiliti sabiex jitneħħa.

Seduta 18
15/06/2022

**RABAT – TRIQ TONI FARRUGIA – AĊĊESS**

**1320. L-ONOR. IAN VASSALLO** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk kienx hemm każ fejn persuni tħallew mingħajr aċċess għal darhom waqt xogħlijiet li qed isiru fi Triq Toni Farrugia, ir-Rabat, u għaliex ma tħalliex aċċess? Jista' jgħid hux qed issir komunikazzjoni mar-residenti meta jkun ser jingħalaq kompletament l-aċċess, anke bil-mixi, lir-residenti? Jingħata kumpens f'każ li persuni jkollhom iħallu darhom minħabba f'hekk?

02/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Intepellant li Triq Toni Farrugia tinsab fiż-żona t'Għeriexem fir-Rabat fejn Infrastructure Malta wettqet proġett li kien jinkludi l-bini mill-ġdid tar-rotta ta' Triq Għeriexem u Triq tat-Tabija fuq pedamenti aktar b'saħħithom, biex ražžan snin twal ta' ħsarat ikkawżati miċ-ċediment tal-art taħt l-istess toroq, kif ukoll belvedere ġdid b'bankini u punti ta' qsim aktar siguri f'żona li qabel ma kien fiha l-ebda infrastruttura għal dawk li jgħaddu minnha bil-mixi. Din ir-rotta issa fiha wkoll aktar spazji għall-parkeġġ, stazzjon għall-iċċarġjar tal-karozzi elettriċi, l-ewwel mogħdijiet solari f'Malta, dawl dekorattiv, bankijiet u ringiela konok b'40 siġra ġdida u pjanti oħrajn.

Wara li lestiet dan il-proġett, l-aġenzija bdiet ittejjeb ukoll toroq oħrajn fiż-żona fosthom Triq Toni Farrugia li qed tinbena mill-ġdid bħalissa. Ix-xogħljiet f'din it-triq jinkludu bdil u tqegħid ta' pajpijiet u katusi tas-sistemi taħt l-art għas-servizzi tal-ilma u drenaġġ, esetensjoni tas-sistema għall-ilqugħ tal-ilma tax-xita u bini ta' bankini ġodda qabel ma jissaħħu l-pedamenti u jsir wiċċ ġdid b'diversi saffi t'asfalt.

L-aċċess bil-mixi għad-djar kollha tat-triq dejjem baqa' miftuħ f'kull ħin u mhux veru li qed "jingħalaq l-aċċess kompletament". Naturalment, waqt ċerti xogħlijiet, bħal meta jsir tħaffir ta' trinek jew kisi bl-asfalt, l-aċċess għall-vetturi (mhux dak pedonali) jkun limitat sabiex tiġi żgurata s-saħħa u s-sigurezza kemm tas-sewwieqa kif ukoll tal-ħaddiema. Barra minn hekk, waqt xogħlijiet bħal dawn, jittieħdu miżuri ta' protezzjoni biex il-partijiet tat-triq fejn ikun qed isir ċertu xogħol jiġu mdawra b'barrikati jew sistemi simili sabiex ma jkunux ta' periklu pubbliku, mingħajr ma jingħalaq l-aċċess pedonali ghall-bini tal-istess triq.

Infrastructure Malta taħdem biex tlesti x-xogħlijiet fl-inqas żmien possibbli, filwaqt li tiżgura li l-inkonvenjenti inevitabbli waqt il-bini mill-ġdid ta' toroq residenzjali bħal din, jitnaqqsu kemm jista' jkun, fl-aħjar interess ta' dawk li jgħixu u jaħdmu fihom, jew jivvjaġġaw minnhom.

Seduta 18
15/06/2022

**BELT VALLETTA – TRIQ GIROLAMO CASSAR**

**1387. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jara li l-ħsara li hemm fl-aħħar parti ta' Triq Girolamo Cassar, fil-Belt Valletta, preċiżament fejn hemm forma ta' roundabout, tiġi msewwija?

06/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din il-mistoqsija għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru konċernat.

Seduta 18
15/06/2022

**BELT VALLETTA - TRIQ GIROLAMO CASSAR**

**1388. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jara li l-ħsara li hemm fl-aħħar parti ta' Triq Girolamo Cassar, fil-Belt Valletta, preċiżament fejn hemm forma ta' roundabout, tiġi msewwija?

06/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jindirizza l-mistoqsija lill-Ministeru konċernat.

Seduta 18
15/06/2022

**BORMLA: ĠNIEN PEPPI DELCEPPO - XOGĦLIJIET**

**1389. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jinforma lill-Kamra x'xogħlijiet qed isiru fil-preżent fil-Ġnien Peppi Delceppo, Bormla fit-Triq Fuq Verdala?

06/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li fiż-żona imsemmija, il-Kunsill Lokali ta' Bormla qiegħed jimplimenta proġett li għandu l-permessi meħtieġa mill-Awtorità tal-Ippjanar, liema proġett jinkludi snack bar, 5-a-side football pitch u playing field.

Il-valur tal-proġett jammonta għal kważi €400,000.

Seduta 18
15/06/2022

**RAĦAL ĠDID: PJAZZA ANTOINE DE PAULE – RAPPORT TEKNIKU DWAR ĦSARAT U XOGĦLIJIET**

**1390. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: B'referenza għal numru ta' domandi li kienu saru fil-Leġiżlatura preċedenti, jista' l-Ministru jippreżenta l-aħħar rapport tekniku dwar il-ħsarat u x-xogħlijiet li għandhom isiru fi Pjazza Antoine de Paule, Raħal Ġdid kif ukoll jara li t-tappieri li hemm u qed jinżlu biċċa biċċa jiġu msewwija?

06/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li ninsab infurmat li r-rapport tekniku dwar il-ħsarat u x-xogħlijiet li għandhom isiru fi Pjazza Antoine de Paule, Raħal Ġdid hareġ u qiegħed ikun skrutinizzat mill-partijiet ikkonċernati.

Skont laqgħa li saret mal-kuntratturi, i
t-tappieri ser jiġu msewwija mill-kuntratturi, hekk kif joħroġ l-eżitu tar-rapport u jsir l-ittestjar tat-triq.

Seduta 18
15/06/2022

**RAĦAL ĠDID: PJAZZA ANTOINE DE PAULE – RAPPORT TEKNIKU DWAR ĦSARAT U XOGĦLIJIET**

**1391. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: B'referenza għal numru ta' domandi li kienu saru fil-Leġiżlatura preċedenti, jista' l-Ministru

jippreżenta l-aħħar rapport tekniku dwar il-ħsarat u x-xogħlijiet li għandhom isiru fi Pjazza Antoine de Paule, Raħal Ġdid kif ukoll li jara li t-tappieri li hemm u qed jinżlu biċċa biċċa jiġu msewwija?

06/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li b'riferenza għall-Mistoqsija Parlamentari numru 1391 din għandha tiġi riferuta lill-Ministeru konċernat.

Seduta 18
15/06/2022

**RAĦAL ĠDID: PJAZZA ANTOINE DE PAULE – RAPPORT TEKNIKU DWAR ĦSARAT U XOGĦLIJIET**

**1392. L-ONOR. CARMELO MIFSUD BONNICI** staqsa lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: B'referenza għal numru ta' domandi li kienu saru fil-Leġiżlatura preċedenti, jista' l-Ministru jippreżenta l-aħħar rapport tekniku dwar il-ħsarat u x-xogħlijiet li għandhom isiru fi Pjazza Antoine de Paule, Raħal Ġdid kif ukoll li jara li t-tappieri li hemm u qed jinżlu biċċa biċċa jiġu msewwija?

06/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jindirizza l-mistoqsija lill-Ministeru konċernat.

Seduta 18
15/06/2022

**SERVIZZ PUBBLIKU - SEGRETARJI PERMANENTI**

**1398. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Uffiċċju tal-Prim Ministru: Jista' l-Prim Ministru jgħid kemm hemm Segretarji Permanenti impjegati fil-preżent u ċjoè fis-6 ta' Ġunju, 2022 u kemm minn dawn ġew ingaġġati wara sejħa fis-servizz pubbliku? Dawk li ma ġewx maħtura wara sejħa, kif ġew ingaġġati?

08/06/2022

**ONOR. ROBERT ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fil-preżent hemm 19-il Segretarju Permamenti u dawn jiġu maħtura skont il-provedimenti tal- Kostituzzjoni ta'Malta.

Seduta 18
15/06/2022

**SANTA VENERA/ĦAMRUN - TRIQ IL-KBIRA SAN ĠUŻEPP - ASFALTAR**

**1399. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk Infrastructure Malta għandhiex il-ħsieb li taqla' u tasfalta Triq il-Kbira San Ġużepp, kemm il-parti ta' Santa Venera kif ukoll il-parti tal-Ħamrun? Jista' l-Ministru jgħid liema biċċa se ssir u meta?

08/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li fl-2021, it-tielet sena tal-programm nazzjonali tal-Gvern għat-titjib ta' toroq residenzjali, Infrastructure Malta lestiet il-bini mill-ġdid ta' madwar 220 triq residenzjali. Kompliet ukoll il-ħidma tagħha fit-toroq rurali fejn tejbet mal-100 triq oħra qalb il-kampanja.

Fi tliet snin kemm ilha mwaqqfa, bejn toroq residenzjali u dawk rurali, Infrastructure Malta bniet mill-ġdid u għamlet titjib f'aktar minn 830 triq. L-aġenzija tejbet il-kwalità ta' dawn it-toroq fl-istess żmien li lestiet fost l-

ikbar proġetti ta' toroq arterjali u faċilitajiet marittimi f'pajjiżna u filwaqt li baqgħet għaddejja bi programm kontinwu ta' tiswijiet u manuntenzjoni f'ħafna toroq oħrajn.

Infrastructure Malta qed taħdem mal-Kunsilli Lokali kollha biex gradwalment tibni mill-ġdid it-toroq kollha li jinsabu fi stat ħażin. Bħalissa fil-fatt għaddejja bil-bini mill-ġdid ta' ħafna toroq, fosthom Triq il-Batterija u Triq Adelaide Cini fil-lokalità ta' Santa Venera, kif ukoll Triq Maitland u Triq Qormi fil-lokalità tal-Ħamrun. It-triq indikata, Triq il-Kbira San Ġuzepp, hija fost it-toroq li se jinbnew mill-ġdid bħala parti minn din il-ħidma mifruxa fuq seba' snin. Fl-istess waqt, sakemm tinbena mill-ġdid, peress li r-responsabbiltà tat-tiswijiet u l-manutenzjoni regolari ta' toroq lokali bħal din imsemmija hija tal-Kunsilli Lokali, dawn għandhom ir-riżorsi meħtieġa sabiex ikomplu jagħmlu t-tiswijiet temporanji u manutenzjoni li kull triq tkun teħtieġ minn żmien għal żmien.

Seduta 18
15/06/2022

**SANTA VENERA - TRIQ IL-KBIRA SAN ĠUŻEPP – BUS SHELTERS**

**1400. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għat-Trasport, l-Infrastruttura u l-Proġetti Kapitali: Jista' l-Ministru jgħid jekk hemmx il-ħsieb li jitranġaw xi bus shelters li hemm fi Triq il-Kbira San Ġużepp, Santa Venera fi żmien qarib?

08/06/2022

**ONOR. AARON FARRUGIA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li din il-mistoqsija għandha tiġi indirizzata lill-Ministeru konċernat.

Seduta 18
15/06/2022

**QRATI TAL-ĠUSTIZZJA - KUMPENS ILLIKWIDAT GĦALL-PROPRJETAJIET**

**1401. L-ONOR. DARREN CARABOTT** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid x'inhu t-total ta' flus li l-Istat kellu jħallas bħala kumpens illikwidat mill-Qrati tal-Ġustizzja a favur ir-rikorrenti abbażi ta' ksur tal-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni dwar id-dritt ta' tgawdija tal-proprjetà, f'dawn l-aħħar tliet snin?

08/06/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat li l-informazzjoni għadha qed tinġabar.

Seduta 18
15/06/2022

**TA' QALI – PREŻENZA TAL-PULIZIJA**

**1434. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Intern, is-Sigurtà, ir-Riformi u l-Ugwaljanza: Jista' l-Ministru jgħid xi preżenza hemm tal-pulizija f'Ta' Qali? Jekk hiex waħda frekwenti? Jista' jgħid ukoll jekk daħlux rapporti ta' sewqan perikoluż u eċċessiv kif ukoll diversi lmenti ta' storbju ta' mużika u għajjat sas-sigħat bikrin ta' filgħodu?

08/06/2022

**ONOR. BYRON CAMILLERI:** Ninsab infurmat illi kemm il-Pulizija tad-Distrett li taħtu taqa' l-lokalità ta' Ta' Qali, kif ukoll dawk tal-RIU, jagħmlu ronda regolarment fil-lokalità msemmija u dan fid-dawl ta' diversi attivitajiet li jkun hemm u li jiġbdu ħafna nies, speċjalment f'ċerti stabbilimenti fix-xhur tar-rebbiegħa u tas-sajf. Spezzjonijiet ser jibqgħu jsiru u jekk ikun hemm evidenza ta' ksur ta' xi kundizzjonijiet tal-liċenzji tal-operat tagħhom, jinħarġu l-akkużi relatati. Il-pulizija konxja wkoll u trażżan permezz ta' spezzjonijiet, sidien ta' vetturi li okkażjonalment jinġabru fil-parkeġġi fiż-żona u jiddreggjaw bil-vetturi, u dan ser jibqa' jsir meta dawk l-

attivitajiet jiġu għall-konjizzjoni tagħhom. F'dawn l-aħħar ġimgħat kien hemm żewġ rapporti ta' storbju ta' mużika fejn wieħed irriżulta li kien ġej minn destinazzjoni 'l bogħod minn Ta' Qali u l-ieħor fi stabbiliment fil-lokal, fejn l-operatur ġie mwissi mill-ewwel. Kien hemm rapport ta' dreggjar bil-vetturi fejn ġiet identifikata persuna li kontra tiegħu ħarġu l-akkużi u ieħor ta' burnouts, fejn sakemm waslet il-pulizija dawn ma rriżultax.

Seduta 18
15/06/2022

**INKLUŻJONI, IL-VOLONTARJAT U D-DRITTIJIET TAL-KONSUMATUR**

**1435. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Inklużjoni, il-Volontarjat u d-Drittijiet tal-Konsumatur: B'referenza għat-tweġiba ta' mistoqsija parlamentari 23296 tal-Leġiżlatura XIII, tista' l-Ministru tgħid meta saret it-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/2161 dwar l-infurzar aħjar u mmodernizzar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur li skont l-istess direttiva kellha tiġi trasposta sat-28 ta' Novembru, 2021? Tista' telenka liema huma l-liġijiet nazzjonali li jimplimentaw il-miżuri ta' din id-direttiva? Tista' tgħid ukoll jekk saritx xi forma ta' konsultazzjoni pubblika dwar it-traspożizzjoni ta' din id-direttiva u jekk iva, ma' min u x'kien l-eżitu? U jekk le, għalfejn ma saritx tenut kont ta' dak li ġie mwiegħed fit-tweġiba mogħtija għall-mistoqsija parlamentari 23296?

08/06/2022

**ONOR. JULIA FARRUGIA PORTELLI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-Abbozz ta' Liġi għat-traspożizzjoni tad-Direttiva (UE) 2019/2161 dwar l-infurzar aħjar u mmodernizzar tar-regoli tal-Unjoni dwar il-protezzjoni tal-konsumatur għandha tiġi mressqa quddiem il-Parlament fil-ġranet li ġejjin. Id-Direttiva ser tiġi trasposta permezz ta' emendi fl-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur, fir-Regolamenti dwar Prezzijiet Indikati skont l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur (L.S. 378.09) u r-Regolamenti dwar id-Drittijiet tal-Konsumatur (L.S. 378.15). Kif kien indikat fit-tweġiba għall-mistoqsija parlamentari 23296, konsultazzjoni pubblika dwar it-traspożizzjoni ta' din id-Direttiva saret bejn is-7 ta' Diċembru 2021 u l-10 ta' Jannar 2022, fejn kien hemm risposta waħda mingħand l-Għaqda tal-Konsumaturi.

Seduta 18
15/06/2022

**MINISTERU GĦALL-EKONOMIJA, IL-FONDI EWROPEJ U L-ARTIJIET – SPIŻA FUQ SAFAR**

**1436. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jgħid kemm swiet il-mawra tiegħu fil-Kanada (fosthom f'Toronto) f'dawn il-jiem u minn min kien akkumpanjat?

08/06/2022

**ONOR. SILVO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li r-risposta għal din il-mistoqsija parlamentari se tingħata f'seduta oħra, hekk kif din id-domanda saret jumejn wara li l-Ministru wasal Toronto u waqt li kien għadu lanqas wasal lura Malta.

Seduta 18
15/06/2022

**QORTI TA' GĦAWDEX – RIKORSI KOSTITUZZJONALI**

**1463. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid meta r-rikorsi kostituzzjonali li jsiru minn persuni li jirrisjedu f'Għawdex ser jibdew jinstemgħu fil-Qorti ta' Għawdex, u dan in vista li ħames snin ilu predeċessuri tiegħu kienu wegħdu li fi ftit xhur dawn kellhom jibdew jinstemgħu f'Għawdex stess?

09/06/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li għaddejjijn id-diskussjonijiet neċċessarji sabiex jiġi evalwat kif dan jista' jkun possibbli u jidħol fis-seħħ.

Seduta 18
15/06/2022

**TRIBUNAL INDUSTRIJALI – KAŻIJIET MINN GĦAWDEX**

**1464. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: Jista' l-Ministru jgħid għaliex każijiet quddiem it-Tribunal Industrijali li jitressqu minn persuni li jirrisjedu f'Għawdex kontra persuni jew kumpaniji li joperaw f'Għawdex iridu bilfors jinstemgħu f'Malta? Jista' jieħu l-passi neċessarji biex dawn jibdew jinstemgħu f'Għawdex stess?

09/06/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jirreferi il-mistoqsija tiegħu lil Ministru kkonċernat.

Seduta 18
15/06/2022

**MINISTER GĦALL-POLITIKA SOĊJALI U D-DRITTIJIET TAT-TFAL - XOGĦLIJIET MINN KUMPANIJA**

**1469. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Politika Soċjali u d-Drittijiet tat-Tfal: Jista' l-Ministru jelenka, jekk hu l-każ, kull direct order jew simili, taħt kwalsiasi kappa jew isem, li kwalsiasi entità taħtu tat lill-kumpanija li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament fl-2019 u fl-2020? Għal kull każ, jista' jagħti l-ammont ta' ħlas u r-raġuni ta' dak ix-xogħol?

09/06/2022

**ONOR. MICHAEL FALZON:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif għadu qed jinġabar.

Seduta 18
15/06/2022

**GAMING AUTHORITY - SAFRA TAL-HEAD LEAD & ENFORCEMENT**

**1470. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Ekonomija, il-Fondi Ewropej u l-Artijiet: Jista' l-Ministru jispjega r-raġuni għaliex il-Head Legal & Enforcement tal-Gaming Authority li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament tħalliet tmur Las Vegas fl-2018 mal-individwu li d-dettalji dwaru wkoll qed jingħataw separatament li allura kien operatur tal-gaming? Jista' jgħid jekk dan kienx kunflitt ta' interess u jekk sarx bil-kunsens taċ-Chairman tal-Gaming Authority? Jista' jgħid jekk l-ispejjeż tagħha taż-żjara tħallsux mill-Awtorità?

09/06/2022

**ONOR. SILVO SCHEMBRI:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li f'Mejju 2018 il-persuna kkonċernata kienet mistiedna Las Vegas sabiex tirrappreżenta l-Awtorità f'laqgħat li trattaw żviluppi regolatorji fil-qasam tal-gaming. Din iż-żjara ġiet awtorizzata mill-Kap Eżekuttiv tal-Awtorità filwaqt li l-ispejjeż ma tħallsux mill-Awtorità.

Seduta 18
15/06/2022

**SKEMA MĦADDMA MILL-GWU TAX-XOGĦOL**

**1471. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jgħid kemm-il persuna qiegħda f'xi skema mħaddma mill-Fondazzjoni tal-General Workers' Union u li kienu jirreġistraw għax-xogħol qabel ma ttieħdu mill-Fondazzjoni? F'liema impjiegi qegħdin jitpoġġew, ma' liema awtorità, dipartiment, aġenzija jew kumpanija huma qegħdin jintbagħtu jaħdmu? X'inhi t-take home pay tagħhom?

09/06/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jirreferi għat-tweġiba mogħtija għall-Mistoqsija Parlamentari 367.

(*Korrezzjoni: Ara Dokument PL 286 li tpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra f'Seduta 18 tal-15 ta' Ġunju 2022)*

Seduta 18
15/06/2022

**MINISTERU GĦALL-ANZJANI U L-ANZJANITÀ ATTIVA - KONSULENZA FUQ PUBLIC RELATIONS JEW KOMUNIKAZZJONI - NEFQA**

**1472. L-ONOR. IVAN BARTOLO** staqsa lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jelenka kemm intefqu flus mill-Ministeru tiegħu u kull entità u dipartiment li jaqa' taħtu, għal konsulenza fuq public relations jew komunikazzjoni, minn Marzu 2013 sal-jum li fih din l-interpellanza tkun imwieġba, maqsuma sena b'sena?

09/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li l-informazzjoni qed titpoġġa fuq il-Mejda tal-Kamra.

Seduta 18
15/06/2022

**MCAST - IMPJEGAT**

**1497. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jgħid::

a) Jekk hux minnu illi l-persuna, li d-dettalji dwarha qed jingħataw separatament, ilha sospiża "with full pay" mill-aħħar ta' Lulju tal-2018?
b) Jekk hu fl-affermattiv, hix qed titħallas ukoll l-allowances dovuti kollha bħal communication u transport?
ċ) Jekk hix qed titħallas tal-leave?
d) Jekk hix qed tingħata performance bonus u jekk iva, kemm ingħatat kull sena kemm ilha fl-MCAST?
e) Kemm jammonta l-ħlas kollu li din il-persuna tħallset minn Lulju 2018 sal-aħħar ta' Mejju 2022?

10/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant illi l-persuna li tirreferi għaliha din il-mistoqsija, preżentament ma tinsabx sospiża with full pay.

Seduta 18
15/06/2022

**MCAST – VAKANZI FIL-GRADI TA' DIRECTOR U DEPUTY DIRECTOR**

**1498. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jipprovdi kopja tal-vacancy forms kollha li ġew approvati mis-Segretarju Permanenti għall-gradi ta' Director u ta' Deputy Director fl-MCAST minn Ġunju 2018 sa Mejju 2022?

10/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta 18
15/06/2022

**MCAST - VAKANZI FIL-GRADI TA' DIRECTOR U DEPUTY DIRECTOR**

**1499. L-ONOR. JUSTIN SCHEMBRI** staqsa lill- Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni: Jista' l-Ministru jipprovdi lista tar-requirements għall-gradi ta' Director u Deputy Director għall-vacancies kollha li ħarġu għal dawn il-gradi minn Ġunju 2018 sa Mejju 2022? Xi kwalifiki kellha kull persuna li ġiet magħżula għal kull vacancy li ħarġet minn Ġunju 2018 sa Mejju 2022 għall-gradi ta' Director u Deputy Director?

10/06/2022

**ONOR. CLIFTON GRIMA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li t-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar.

Seduta 18
15/06/2022

**QORTI TA' GĦAWDEX – STAFF COMPLEMENT**

**1501. L-ONOR. CHRIS SAID** staqsa lill- Ministru għall-Ġustizzja: B'referenza għat-tweġiba ta' mistoqsija parlamentari 1349, jista' l-Ministru jgħid mit-28 pożizzjoni li hemm mimlija fil-Qorti ta' Għawdex, kemm minnhom huma ta' persuni li bħalissa, għal raġuni jew oħra, mhux qed jattendu għax-xogħol għal perjodu ta' aktar minn ġimgħa? Jista' jgħid minn dawn kemm irtiraw jew ħarġu bil-leave tal-irtirar ta' qabel ix-xogħol? Jista' jgħid x'qed isir kull darba li l-Qorti qed tispiċċa mingħajr Marixxall biex iqassam in-notifiki li jkun hemm bżonn?

10/06/2022

**ONOR. JONATHAN ATTARD:** Ninsab infurmat li bħalissa hemm persuna bil-leave ta' qabel l-irtirar mix-xogħol u 3 persuni li ilhom iktar minn ġimgħa fuq leave tal-mard.

Rigward in-notifiki fl-Aġenzija ġewwa Għawdex, fil-maġġoranza tagħhom, dawn isiru mill-Purtier u fl-assenza tal-Purtier, dawn isiru mill-Messaġġiera tal-Aġenzija. Meta jkun hemm il-ħtieġa, bħal pereżempju f'każi ta' eżekuzzjoni ta' mandati ta' qbid, l-Aġenzija għandha biżżejjed Marixxalli biex ikopru dan id-dmir.

Seduta 18
15/06/2022

**IL-BELT VALLETTA – PJAZZA TRITONI – TACTILE WALKWAY**

**1507. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għat-Turiżmu: Jista' l-Ministru jara li t-tactile walkway fi Pjazza Tritoni, il-Belt Valletta, li hu maħsub biex jintuża minn persuni neqsin mid-dawl jibqa' dejjem mingħajr l-ebda tip ta' ngombru waqt kull attività organizzata jew awtorizzata minnu jew minn xi entità li taqa' taħtu? Kemm-il rapport irċieva matul l-aħħar sena dwar ingombru fl-istess żona waqt xi attività organizzata jew awtorizzata minnu jew minn xi entità li taqa' taħtu?

10/06/2022

**ONOR. CLAYTON BARTOLO:** Ninforma lill-Onor. Interpellant li meta l-Awtorità Maltija għat-Turiżmu torganizza attivitajiet kbar, ikollha tagħmel dan b'ħafna restrizzjonijiet, speċjalment jekk din l-attività tkun fuq medda ta' tul ta' żmien u jkun hemm attivitajiet oħra, fosthom dawk statali, waqt l-istess żmien.
Bħal kif ġara waqt l-attività ta' Fairyland f'Diċembru li għadda, l-MTA pprovdiet soluzzjonijiet temporanji u alternattivi sabiex jiġi assigurat li dan is-servizz jibqa' dejjem jingħata. L-Awtorità irċeviet ukoll ilment waqt l-attività Nickelodeon Treasure Hunt ta' Mejju fejn il-kuntrattur ġie infurmat immedjatament, u fi żmien siegħa ċaqlaq tinda biex b'hekk it-tactilewalkways kienu ħielsa minn kull ingombru.
Ser inkomplu nimpenjaw ruħna sabiex attivitajiet futuri sitwazzjonijiet simili jiġu evitati.

Seduta 18
15/06/2022

**IL-BELT VALLETTA – PJAZZA TRITONI – TACTILE WALKWAY**

**1508. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol: Jista' l-Ministru jara li t-tactile walkway fi Pjazza Tritoni, il-Belt Valletta, li hu maħsub biex jintuża minn persuni neqsin mid-dawl jibqa' dejjem mingħajr l-ebda tip ta' ingombru waqt kull attività organizzata jew awtorizzata minnu jew minn xi entità li taqa' taħtu? Kemm-il rapport irċieva matul l-aħħar sena dwar ingombru fl-istess żona waqt xi attività organizzata jew awtorizzata minnu jew minn xi entità li taqa' taħtu?

10/06/2022

**ONOR. CLYDE CARUANA:** Nitlob lill-Onor. Interpellant jagħmel il-mistoqsija tiegħu lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 18
15/06/2022

**IL-BELT VALLETTA – PJAZZA TRITONI – TACTILE WALKWAY**

**1509. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għax-Xogħlijiet Pubbliċi u l-Ippjanar: Jista' l-Ministru jara li t-tactile walkway fi Pjazza Tritoni, il-Belt Valletta, li hu maħsub biex jintuża minn persuni neqsin mid-dawl jibqa' dejjem mingħajr l-ebda tip ta' ingombru waqt kull attività organizzata jew awtorizzata minnu jew minn xi entità li taqa' taħtu? Kemm-il rapport irċieva matul l-aħħar sena dwar ingombru fl-istess żona waqt xi attività organizzata jew awtorizzata minnu jew minn xi entità li taqa' taħtu?

10/06/2022

**ONOR. STEFAN ZRINZO AZZOPARDI:** Nitlob lill-Onor. Interpellant biex jindirizza l-mistoqsija lill-Ministeru konċernat.

Seduta 18
15/06/2022

**IL-BELT VALLETTA – PJAZZA TRITONI – TACTILE WALKWAY**

**1510. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Anzjanità Attiva: Jista' l-Ministru jara li t-tactile walkway fi Pjazza Tritoni, il-Belt Valletta, li hu maħsub biex jintuża minn persuni neqsin mid-dawl jibqa' dejjem mingħajr l-ebda tip ta' ingombru waqt kull attività organizzata jew awtorizzata minnu jew minn xi entità li taqa' taħtu? Kemm-il rapport irċieva matul l-aħħar sena dwar ingombru fl-istess żona waqt xi attività organizzata jew awtorizzata minnu jew minn xi entità li taqa' taħtu?

10/06/2022

**ONOR. JO ETIENNE ABELA:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-mistoqsija lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 18

15/06/2022

**IL-BELT VALLETTA – PJAZZA TRITONI – TACTILE WALKWAY**

**1511. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa: Jista' d-Deputat Prim Ministru u Ministru għas-Saħħa jara li t-tactile walkway fi Pjazza Tritoni, il-Belt Valletta, li hu maħsub biex jintuża minn persuni neqsin mid-dawl jibqa' dejjem mingħajr l-ebda tip ta' ingombru waqt kull attività organizzata jew awtorizzata minnu jew minn xi entità li taqa' taħtu? Kemm-il rapport irċieva matul l-aħħar sena dwar ingombru fl-istess żona waqt xi attività organizzata jew awtorizzata minnu jew minn xi entità li taqa' taħtu?

10/06/2022

**ONOR. CHRIS FEARNE:** Filwaqt li ninforma lill-Onor. Interpellant illi mill-Ministeru għas-Saħħa u/jew mid-dipartimenti u entitajiet li jagħmlu parti mid-dekasteru tiegħu ma saru l-ebda attivitajiet fi Pjazza Tritoni, nitlobha biex tirreferi l-mistoqsija parlamentari tagħha lill-Ministru kkonċernat.

Seduta 18
15/06/2022

**IL-BELT VALLETTA – PJAZZA TRITONI – TACTILE WALKWAY**

**1512. L-ONOR. GRAZIELLA GALEA** staqsiet lill- Ministru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej u l-Kummerċ: Jista' l-Ministru jara li t-tactile walkway fi Pjazza Tritoni, il-Belt Valletta, li hu maħsub biex jintuża minn persuni neqsin mid-dawl jibqa' dejjem mingħajr l-ebda tip ta' ingombru waqt kull attività organizzata jew awtorizzata minnu jew minn xi entità li taqa' taħtu? Kemm-il rapport irċieva matul l-aħħar sena dwar ingombru fl-istess żona waqt xi attività organizzata jew awtorizzata minnu jew minn xi entità li taqa' taħtu?

10/06/2022

**ONOR. IAN BORG:** Ninforma lill-Onor. Interpellant biex tirreferi l-mistoqsija lill-Ministeru/i konċernat/i.

Seduta 18
15/06/2022

**KUNSILL LOKALI ĦAMRUN – XOGĦLIJIET INFRASTRUTTURALI MWETTQA**

**1522. L-ONOR. PAULA MIFSUD BONNICI** staqsiet lill- Ministru għall-Wirt Nazzjonali, l-Arti u l-Gvern Lokali: Jista' l-Ministru jwieġeb il-mistoqsija parlamentari 176 u jpoġġi fuq il-Mejda tal-Kamra l-lista ta' xogħlijiet infrastrutturali li wettaq il-Kunsill Lokali tal-Ħamrun fis-snin 2020 u 2021 rispettivament u matul is-sena 2022 sat-30 ta' April 2022? Jista' jgħid fejn sar dan ix-xogħol, fiex kien jikkonsisti, kemm sewa u min wettaq dan ix-xogħol?

10/06/2022

**ONOR. OWEN BONNICI:** It-tagħrif mitlub għadu qed jinġabar mill-Kunsill Lokali rispettiv.

Seduta 18
15/06/2022